# SJAF Magazine

**_SJA FOUNDATION_**
Reception Centre
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com

**VO/0005/4th May 2008**

***a monthly magazine – Issue No.24, July 2009***

# Fond Flimkien - ĦADDIEMA MEPA

Nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju, 20 ħaddiema mill-MEPA qattgħu jum jagħmlu xogħol volontarju mal-Fondazzjoni. Din kienet inizjattiva tal-**Fond Flimkien** imwaqqfa mill-ħaddiema tal-MEPA bl-appoġġ tal-*management* ukoll. Il-ħaddiema wettqu diversi ħidmiet:

- grupp għamel xogħol ta' manutenzjoni fl-Annex,
- grupp ieħor waħħal madum fit-toilet għal persuni b'diżabilità,
- grupp ieħor ħadem ma kok biex ħmew ħelu għall-bejgħ waqt Bazaar ta' jum,
- waqt li grupp ieħor mexxa Bazaar ta' jum.








Nirringrazzjaw lill-ħaddiema kollha li ħadmu magħna għal jum u nirringrazzjawhom għall-ġenerożità tagħhom. Fl-aħħar tal-jum, il-ħaddiema ippreżentaw lill-Fondazzjoni ċekk ta' €517 – fondi miġbura mill-ħaddiema tal-MEPA permezz tal-Fond Flimkien. Is-somma miġbura mill-bejgħ tal-bazaar kienet ta' €748.92. Grazzi tassew!

Grazzi wkoll liċ-Ċermen tal-MEPA, is-Sur Austin Walker, li ġentilment żarna dak il-jum bħala appoġġ lill-ħaddiema. Matul iż-żjara tiegħu, is-Sur Walker tkellem ma' Sr Salvina Bezzina, iċ-Chairperson tal-Governing Board tal-Fondazzjoni u ma' Nora Macelli, CEO.

Grazzi lill-kok, Jeremy Micallef talli kkoordina t-tisjir u u lil Denise Camilleri li assistiet ukoll.



# Review of the Children's Learning & Homework Support – Learning Support Programme

***Background***

In early June, an evaluation questionnaire was drawn up by the Children's Learning Support Co-ordinator and the CEO. The questionnaire was passed on to each Volunteer Tutor within the service. SJAF received 14 replies out of 14. The SJAF Administrator collated responses by question. The outcome of this exercise was discussed at a team progress and review meeting held on the 1st of July and led by Urieth (Teacher), Vivien (Counsellor) and Jessie (Service Co-ordinator). The whole review exercise was followed up by Jessie, Urieth and Nora on the 3rd of July.



***Outcomes:***

A copy of the synthesized report of the evaluation questionnaire was distributed to each Tutor at person present.

***Discussion outcomes:***

Tutors***:***

- The one-to-one mode of learning support will be retained since this allows volunteer Tutors to build a personal relationship with the child they support.
- Learning support targets: at the start of each term, each Tutor shall identify 3 to 4 learning targets. These will be discussed with the Co-ordinator who will link targets to existing resources and materials in the Club's resource room. These targets are to be recorded in the Tutor's Record Book.
- The Tutor's Record Book will be modified to include a section in front where Tutors can record each term's identified academic and social learning targets.
- On an on-going basis, Tutors will have the opportunity to participate in: (a) a feedback group that meets every 3 months/term; (b) occasional specialized workshops by experts in a particular field identified by Tutors.
- Each tutor is to have an allocated space without any disruptions.
- Tutors are encouraged to make use of ICT.
- Each Tutor shall be given a list of suggested resources and materials linked to the three term targets identified by them for their matched child.
- Each term shall start off in September through a meeting for all Tutors. At this meeting procedures, resources, and venue-related issues will be discussed and new Tutors welcomed.

Parents:

- A contract will signed by the Co-ordinator with each parent with parent.
- At intake and renewal time, the Co-ordinator is to obtain a copy from parents of last school exam results for each child's personal records and for comparative purposes.

Children:

- Intake forms have been revised. Space has been created for notes regarding renewal of support.
- Circle time is to be started – ten minutes before and ten minutes after each session. Children get to meet each other and the group of Tutors.
- Fun activities such as crafts, cooking, and storytelling will become in-built into programme activities by each Tutors with the child they support.
- The Co-ordinator will start a personal file per child. In the case of siblings, a letter will be added to the surname (e.g. SPITERI (a), SPITERI (b), etc.) to indicate a same-family service user.

# Prattika qasira t'appoġġ fit-tagħlim mal-Fondazzjoni

**minn Rita Camilleri**
**Learning Support Assistant (LSA)**

Jiena qiegħda nattendi kors għal Learning Support Assistants (LSAs) li għalih kellna nagħmlu tnax-il siegħa prattika ma' xi organizzazzjoni. Jien għażilt li nipprattika mal-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida. Bis-saħħa tal-Fondazzjoni, iltqajt ma' tifla ta' 13-il sena vera simpatika u dħulija li bilfors iġġiegħlek tħobbha.

L-ewwel ġurnata magħha, biex insir nafha aktar, għamilna forma ta' flokk bil-karti biex fih tniżżel affarijiet li jiddiskrivu lilha. Tant ħadet pjaċir li mliet il-karta kollha. Għamilna wkoll xi stejjer soċjali u ddiskutejniehom flimkien.

Mat-tifla għamilt xogħol akkademiku. Użajt ħafna ideat li qed jagħlmuna fil-kors fosthom li waqt il-matematika tuża affarijiet reali li jistgħu jarawhom u jmissuhom it-tfal. Per eżempju, meta tkellimna fuq l-użin, użajt il-miżien u xi frott biex niżnuh, meta għamilna l-'fractions', użajt kejk li qsamnieh f'diversi qisien. Meta għamilna il-kejl, użajt 'inchtape' fejn apparti li kejjilna xi affarijiet li kien hemm fil-kamra, kejjilna lil xulxin ukoll.

Fejn jidħlu l-Ingliż u l-Malti kont indaħħal xi krafts skond l-istorja jew it-taħriġ il-fehem li nkunu qegħdin nagħmlu. Meta għamilna eżerċizzji ta' taħriġ il-fehem fuq iċ-ċirklu, għamilna 'puppet' ta' buffu bil-boroż tal-karti. Meta qrajna storja fuq il-ġnien, għamilna kraft ta' pjanta.

Fl-aħħar ġurnata għamilna ftit logħob fiżiku u ftira biż-żejt sabiex tkun aktar indipendenti.

Nirringrazzja lill-ħaddiema tal-Fondazzjoni li għamluli din il-prattika possibbli.



# Żewġ Community Outreach Workers jtemmu kors dwar is-SAĦĦA MENTALI

**minn Pauline Agius**

Fl-aħħar ta' Ġunju jiena u l-kollega tiegħi Claire Farrugia spiċċajna kors speċjalizzat dwar aspetti differenti tas-saħħa mentali. Il-kors ġie organizzat mill-Mental Health Association (MHA) li magħha l-Fondazzjoni hija affiljata. L-MHA torganizza dan il-kors kull sena għall-qraba ta' persuni li jġarrbu problemi ta' saħħa mentali u għal kull min għandu interess li jitgħallem aktar dwar dan is-suġġett li għadu kemmxejn moħbi.

Nista' ngħid li dan il-kors kien ta' interess kbir għalija personali kif ukoll minħabba li fix-xogħol tagħna ta' Community Outreach Workers niltaqgħu ma' nies li jbatu minn nuqqas ta saħħa mentali. Kull sessjoni tal-kors kienet moghtija lilna b'mod li kull minn kien preżenti seta' jifhem dak li l-kelliema proffesjonisti spjegaw. Kull sessjoni trattat aspett differenti - minn esperjenzi personali ta' familjari l-familji sa kura li jingħataw il-pazjenti minn psikjatri.

Illum, wara li attendejt dan il-kors, nista' nifhem aktar minn kemm tbatija jgħaddu kemm il-marid kif ukoll il-familjari; kemm min isofri għandu bżonn ta'appoġġ minn dawk ta'madwaru; kemm hemm bżonn li wieħed jifhem u jagħder aktar; kemm huwa importanti li l-kura tingħata lill-marid b'mod sħiħ u kontinwu skond l-istruzzjonijiet tal-psikjatri. Matul il-kors jiena stajt nirrifletti ftit fuq persuni li niltaqgħu magħhom waqt ix-xogħol tagħna u bdejt nifhem aktar dak li dawn in-nies ikunu qegħdin iħossu u kemm verament tkun kbira t-tbatija tagħhom. Illum meta jsemmu l-mediċina li jkunu qegħdin jieħdu nista'nifhem ftit għal liema tip ta' kura jkunu qegħdin jirreferu. Nammetti baqagħli ħafna x'nitgħallem għaliex permezz ta'dan il-kors ftaħna biss toqba żgħira f'ħajt massiċċ.

Li laqatni lili personali matul kien li, dawk li kellhom familjari li huma morda qasmu magħna l-esperjenzi personali tagħhom u kultant ma kienetx tkun faċli għalihom li jagħmlu dan għaliex it-tbatija kienet tinħass, u minnhom tgħallimt li ma tistax tieħu s-saħħa mentali for granted għaliex kull wieħed u waħda minna huwa vulnerabli u għalhekk għandna nżommu rwieħna nfurmati f'dan i-rigward. Ħaġa oħra li laqtitini kienet kemm is-soċjeta għadha tħares lejn min ikollu mard mentali bi preġudizzju u għalhekk jiġġudika lil dawn in-nies u forsi anke jaslu biex iwarrbuhom. Naħseb li dan il- kors lili niggiżni fil-laħam il-ħaj. Nagħti proset lill-Mental Health Association għax xogħol siewi li tagħmel favur il-qraba ta' persuni li jsofru minn problemi ta' saħħa mentali.

*Ara l-artriklu f'paġni 13/14*



# BLESSED SR NEMESIA

*Continued from May Issue*

***New Paths***

For Giulia it means starting a mature relationship with the "Good God" of her infancy "who has her mother with Him", it means getting to know herself and the mission of the Community, to be ready tomorrow to go courageously there where LOVE will be calling her.

Giulia starts on this journey of newness with joy. Every day she discovers what she must lose and what she must acquire: *"Jesus, strip me of my self and fill me with you"* is the prayer that accompanies her during the difficult moments. She rediscovers the joys of the better day of her youth.

***A new name***

At the end of her novitiate she received the religious habit and with it, a new name: Sister Nemesia. It is the name of a martyr of the first centuries. She was happy and, from her name, she drew up a programme for her life: "at all costs, witness to the love of Jesus, to the very depths, forever". She was sent to the Institute San Vincenzo at TORTONA. There she found an Elementary school, culture courses, a boarding school, and an orphanage. It is exactly the good ground for sowing tenderness. She taught in the elementary classes and French in the superior classes. Very soon she became the point of reference for every apostolic initiative. She was always where there was humble work to do, where there was suffering to soothe, where uneasiness prevented a serene relationship, where fatigue, sorrow, poverty put limits to life..



A voice was diffused like a refrain which was repeated in and outside the house: "Oh! Sr Nemesia's heart!"

Everyone was convinced to have a special place in her heart. Sisters, orphans, pupils, families, the poor, priests and young military men, refer themselves to her as if she were the only sister living in the house. When the superior of the Institute was about to finish her term of office, Sister Nemesia was 40 years old; she was ready to take over, to inherit her position. That is what the sisters thought, that is what the superiors thought. She felt disconcerted. One thought encourages her; to be responsible for the community means "service": she will therefore, be able to spend herself without measure. Humbly she faces the uphill climb one step at a time. The directive lines of her personal programme were traced out.

*"To proceed taking the rapid route without looking backwards to contemplate the journey accomplished: it would be a waste of time… To proceed hastily, the eyes fixed on the only goal: "GOD ALONE"*

*"To Him be all the glory, to others all the joy: for me to pay the price: to suffer but never to make others suffer!"*

*"I will be severe with myself and full of charity towards my sisters: the love that gives itself is the only thing that remains."*

Charity knows no bounds. At Tortona she was called "Our angel"

***A new departure***

On the 10th of May 1903 the orphans and the boarders found a message for them from Sr Nemesia. *"I am leaving with joy…I entrust you to the Virgin Mary…I will follow you every single day…I embrace you all".* Sr Nemesia left all by herself at 4 o'clock in the morning. She did the greatest sacrifice in her life. They were waiting for her at Borgaro, a small town on the outskirts of Torino where an old castle was being transformed into a convent, and where everything had to be reorganised so that the house may take shape. The young novices were waiting for a Mistress that would accompany them on a new austere journey but enlightened with joyfulness.



Sister Nemesia in the house at Borgaro, was a very active presence for those who worked indoors, in the park, in the orchard and above all among the younger sisters. Her method of formation remains as always, that of tenderness, of educating, of renouncing for love, of a patience that can wait and one that knows how to find the right way for each one. Her novices remember…*"She knew each one of us in particular, understood our needs, she treated us according to our character and asked us for what she succeeded to make us love. …"*

The Provincial Superior whose character was " a perfect antithesis to hers", disapproved this method. She was for a rigid, strong immediate method. This different way of seeing things generated relevant contrasts which resulted in scolding and humiliations: Sister Nemesia accepted everything in silence and in silence continued her journey, without haste, without relenting her responsibilities.

*"From station to station let us go along our path across the desert… and if the desert is deaf, He who created you will always be listening…"*

Sr Nemesia's journey was nearing its end. Thirteen years had elapsed since when she arrived at Borgaro. About 500 novices learned from her how to walk along the paths of God… She gave up everything: now God was asking of her to "pass on" to others even "her noviciate."

Her prayer from the very beginning: "*Jesus, strip me of myself, and clothe me with yourself*" followed her throughout all her life. Now she can say *"I do not exist for anyone."* The renunciation is total. It is the extreme offering of an existence totally given *to* LOVE

Sister Nemesia died in December 1916. A strange perfume of violets spread around her corpse. *"Who had this strange idea?"* asked the Provincial. Nobody had this strange idea, perhaps it was one of *"God's strangeness"* .

# Niltaqgħu ma' D.M. – Ġuvni li bbenefika mis-servizz ta' Żewġ Mentors



F'Jannar ta' din is-sena jiena ngħatajt żewġ Mentors mill-Fondazzjoni biex flimkien magħhom naħdem kemm fuq il-kitba kreattiva, kemm ukoll fuq l-ICT. Il-Mentors tiegħi kienu Mr Charles Casha, kittieb magħruf li għenni fuq il-kitba u Mr Joseph Herbert, bankier, li għenni fuq il-kompjuter. Nixtieq nirringrazzjahom minn qalbi.

Kemm ili niġi ċ-Ċentru Antida, b'xi mod jew ieħor, jiena għamilt iżjed kuntatt man-nies: mal-mentors u ma' żgħażagħ oħra li bħali jiġu ċ-Ċentru Antida f'Ħal Tarxien. Fil-kors tal-kitba, jiena ktibt ktejjeb żgħir bi stejjer qosra, miktuba għalija, għall-ġenituri tiegħi u għal dawk kollha li jafuni sew. L-istejjer jagħtu gost lil min qiegħed jaqrahom mingħajr ma nipprova nagħmel ħsara la lill-qarrejja u lanqas lili nnifsi. Forsi xi darba nsib il-paċi li nikteb xi storja biex ngħaddi messaġġ pożittiv ukoll.

Waqt il-Mentoring ta' l-ICT, jiena tgħallimt iżjed kif nista' nuża aħjar il-kompjuter. Forsi l-affarijiet li tgħallimt kienu il-'basics' kollha inkluż l-internet. Issa jien nista' nsib ukoll xi tip ta' impieg li jirrikjedi l-użu tal-kompjuter.

Bħalissa qed nagħmel xogħol volontarju fir-Reception ta' Ċentru Antida: inwieġeb it-telefon, nara gazzetti u naqta' artikli marbuta max-xogħol tal-Fondazzjoni, nagħmel xi xogħol fuq il-kompjuter u ngħin f'dak kollu li jinqala' li nista' ngħin fih.

Nirringrazzja mill-qalb lil dawk kollha li għamlu dan possibbli.

D.M.

## Kummenti minn persuni li jkunu ċ-Ċentru Antida kuljum

A.R.: Nieħu pjaċir ngħin lill-Fondazzjoni sabiex jiżdiedu s-servizzi u l-voluntieri li jgħinu. Inħobb nagħmel il-photocopies. Apparti minn dan, tgħallimt nagħmel ħafna affarijiet biex ngħin lil min hu fil-bżonn. Ersaqt izjed lejn Alla. Inħossni minix waħdi u għamilt ħafna ħbieb. Sirt niltaqa' izjed ma' sorijiet u nsibhom ta' għajnuna u wens.

C: Nieħu pjaċir niġi ċ-Ċentru Antida biex inqatta' l-ħin li soltu nqatta' waħdi. Qiegħda nħossni naqdi dmiri. Qiegħda nitgħallem biex, jekk ikum hemm xi għajnuna żgħira li nista' nagħtiha, nagħmilha aħjar. Il-ħaddiema tal-Fondazzjoni jgħinuni ħafna u juruni kif nista' ngħin jien ukoll.

## Forum tan-Nanniet ta' kull xahar.

Klabb NannaKola ħareġ 4 booklets fuq il-forums tan-Nanniet li saru matul dawn l-aħħar xhur.

Forum ta' April - ***L-effetti tas-separazzjoni u rwol tan-nanniet – Kelliem Dr.Charles Azzopardi***
Forum ta' Mejju – ***Ir-rwol tan-nanniet fl-iżvilupp ħolistiku tat-tfal - Kelliema Ms. Joyce Callus***
Forum ta' Ġunju – ***Kif in-nanniet jistgħu jgħinu lin-neputijiet bl-istejjer ta' Ġesu- Kelliema Sr. Mariella Aguis***
Forum ta' Lulju - ***Kif ngħinu lil ulied li jkollhom tqala mhux pjanata - Kelliema Ms. Carmen Fearne***

Min hu interessat u jixtieq jirċievi dawn il-booklets, jibgħat email fuq: miriam.sjaf@gmail.com

***Il-Forum tan-Nanniet ta' kull xahar beda b'talba tan-nanniet li ħadu sehem fin-NannKola Clubs li jitmexxew fil-parroċċi. Dawn l-inizjattivi ta' edukazzjoni u appoġġ għan-nanniet jiffurmaw parti mill-Programm Ħu Ħsieb il-Carers tal-Fondazzjoni***

## NILTAQGĦU MAL-VOLUNTIERI
### fi ħdan il-Fondazzjoni Santa Giovanna Andtida.



F'din il-ħarġa ħa niltqagħu ma' ***Franca Caruana***

Data tat-twelid: ***1 ta' Lulju 1976***

Fejn Twelidt: ***San Giljan***

Fejn toqgħod: ***San Gwann***

Stat: ***Miżżewġa***

Kemm ilek miżżewweġa: ***10 snin***

Isem il-raġel: ***Ronnie*** Tfal: **Michela, 7 snin u Justyne Joy 4 snin**

**Kumment fuq Franca:**

***Franca ġentilment qed toffri nofstanhar (ġieli żewġ nofstanhari) fil-ġimgħa f'xogħol amministrattiv. Hija tgħin lill-Miriam Grech fl-amministrazzjoni u tipprova tkun il-Fondazzjoni fi ġranet li Miriam ma tkunx xogħol ħalli l-ħidma tibqa' għaddejja kemm jista' jkun b'inqas skossi. Franca hija persuna ġentilissima, kalma u paċenzjuża ħafna. Għal xi żmien, hija ħadmet ukol bħala Tutor fuq bażi volontarja mal-Homework Support Service tal-Fondazzjoni.***

***Grazzi Franca tal-qalb ġeneruża tiegħek!***

## Il-Bank HSBC jagħti PABX lill-Fondazzjoni

**Nirringrazzjaw il-bank HSBC plc għad-donazzjoni ta' sistema kompleta tat-telefon PABX għall-uffiċini kollha tal-Fondazzjoni. Is-sistema, bit-trunking b'kollox, swiet €3406.63. Grazzi HSBC li għamiltuhielna possibbli li nikkomunikaw b'tant effiċjenza. Il-biċċa l-kbira tar-receptionists tgħallmu jużaw is-sistema permezz ta' Miriam.**



## Laqgħa mal-President, l-Eċċ. Dr George Abela

Nhar it-Tnejn 22 ta' Ġunju, membri tal-Governing Board tal-Fondazzjoni kellu laqgħa ta' kortesija mal-President ta' Malta, Dr George Abela. Fost affarijiet oħra, ġie diskuss ix-xogħol tal-Fondazzjoni fil-parroċċi ta' madwar Ħal Tarxien, l-isfidi li jkollhom NGOs, u n-natura tal-problemi li jiffaċċjaw individwi u familji li jkunu jew isiru vulnerabbli minħabba ċertu ċirkostanzi tal-ħajja.

## Laqgħat ma' organizzazzjonijiet oħra:

- 25 ta' Ġunju: HomeStart (Jacqueline Vella)
- 25 ta' Ġunju: Richmond Foundation, Head Office Santa Venera: case review.
- 1 ta' Lulju: Qalbinnies, Programm tat-TV (Mark)
- 1 ta' Lulju: Laqgħa għall-NGOs dwar it-Tfal u l-Faqar organizzata mill-Parliamentary Social Affairs Committee, iċċerjata mill-Onor. Edwin Vassallo.
- 7 ta' Lulju: Laqgħa ma' espert tal-Fundraising.
- 9 ta' Lulju: Laqgħa organizzata mill-ETC dwar skemi ġodda t'appoġġ għal min iħaddem.
- 9 ta' Lulju: Paola Day Centre, Community Mental Health (Charmaine Xerri)
- 15 ta' Lulju: Mental Health Association: Pjanar flimkien ta' ktieb għall-qraba.
- 24 ta' Lulju: Kummissjoni Djakonija Żabbar: laqgħa biex insiru nafu aktar lil xulxin u nippjanaw ħidma id f'id.

## ĊENTRU ANTIDA

**Ħinijiet tal-Ftuħ**

**Mill-1 ta' Lulju sal-15 ta' Settembru**

**mis-7:30 ta' filgħodu sas- 1:30 ta' wara nofsinhar**

## AWGURI



**Nifirħu lill-Youth Worker tal-Proġett Vinċi tal-Fondazzjoni –**
**Josef Gauci – taż-żwieġ tiegħu ma' Beverley nhar is-Sibt 11 ta' Lulju.**

***J'Alla jkollkom relazzjoni mimlija mħabba, fehma u hena!***



Nilqgħu lill-Ruth Brincat li bdiet taħdem part-time mal-Fondazzjoni bħala Community Social Worker fis-servizz tas-Social Work u Counselling.

***Nawgurawlek ħidma li tqawwi l-qlub tan-nies vulnerabbli li naħdmu magħhom Ruth!***

## Korsijiet ta' Self-Esteem

Bħalissa għaddejjin żewġ gruppi tas-Self-Esteem: wieħed immexxi minn Astrid Camilleri għal nisa li temmew żewġ fażijiet tal-grupp u baqgħu jiltaqgħu darba fix-xahar u l-ieħor għal żgħażagħ immexxi minn Ruth Brincat, is-Social Worker żgħażugħa li għadha kif bdiet taħdem bħala Social Worker mal-Fondazzjoni. Bħalissa qed niġbru materjali dwar is-Self-Esteem ħalli noħolqu riżorsi bil-Malti għal kull min ikollu bżonnhom.



## Handyman

Il-voluntier Bernard għadu kif spiċċa jiżbogħ uħud mill-bibien tal-Annex.

Grazzi Bernard talli qagħdt tagħmel din il-biċċa xogħol minn darek stess!



## Appoġġ għat-tagħlim ikompli matul is-sajf

Dan is-sajf bqajna noffru appoġġ għat-tagħlim għal numru ta' tfal li jiġu ċ-Ċentru Antida matul is-sena skolastika kollha. Uħud mit-Tutors baqgħu joffru s-servizz tagħhom fis-sajf ukoll. Per eżempju, kellna lil Rita Camilleri, Learning Support Assistant (LSA) li għamlet *practicum* qasir mal-Fondazzjoni bħala parti mill-kors tagħha offrut mid-Dipartiment tas-Servizzi għall-Istudent. Rita ħadmet ma' tifla ta' 13-il sena u magħha għamlet eżerċizzji ta' self-awareness; kitba ta' sentenzi dwar kif tirrelata ma' ħaddieħor; qari, taħriġ il-fehem bil-Malti u bl-Ingliż; matematika; grammatika; tisjir u attivitajiet biex jiżviluppaw il-gross motor skills. Wendy, minn naħa tagħha, iddeċidiet maż-żewġ tfal li tgħin, li matul is-sajf tgħinhom jitgħallmu jsajru affarijiet bażiċi. Mariah, l-iżgħar voluntiera tal-Fondazzjoni – għandha biss 13-il sena – qed tgħin lil tifel ta' 11-il sena fit-tagħlim tiegħu waqt li qed tkun iggwidata minn għalliema u LSA.



## Is-Saħħa Mentali u t-tfal

**Diskors mill-Onor. Mario Galea, Segretarju Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunità waqt konferenza organizzata mill-Mental Health Association, 27 ta' Marzu 2009**

L-istejjer ta' tfal li għaddew minn esperjenza fejn wieħed mill-ġenituri tagħhom kien qed jiffaċċja mard mentali, jixhdu kemm din hija esperjenza diffiċli għal dawn it-tfal. Tfajla ta' sittax-il sena qaltli li kienet taħseb li missierha ma riedx ikellimha hi u tikber. Kien wara ħafna li skopriet li dak iż-żmien missierha kellu *depression*. Intant hi kienet taqbad il-bieb u titlaq 'il barra. Ommha ma tantx kien ikollha moħħha u din it-tfajla kienet tqatta' żmien twil barra d-dar u ta' spiss kienet issib ruħha f'sitwazzjonijiet ta' periklu għaliha.

Segwejt mill-qrib ħafna każ ta' missier li minħabba problema ta' mard mentali pprova jweġġa' serjament lill-omm. Għandhom tlett t'itfal żgħar. It-tfal għaddew minn kalvarju sħiħ jippruvaw jifhmu u jinnegozjaw mal-kuxjenza tagħhom dak li ġara. Joħorġu għall-iskola u jħallu familja "normali". Jirritornaw – ommhom tilgħabha mal-mewt Mater Dei. Missierhom arrestat. Id-dar siġillata mill-pulizija. Ta' fuqhom senduqhom. Imbagħad jibdew il-mistoqsijiet. "Il-mamà se tgħix?" "Il-papà għamel hekk għax raġel ħażin jew għax marid?" "U jekk kien marid kif kien baqa' jmur għax-xogħol?" "U jekk il-papà marid allura għalfejn qed jinżamm mill-pulizija?" "Jekk il-papa għamel hekk għax marid għalfejn ġabuna fuq l-aħbarijiet?" "Jekk il-papà vera marid u ma jafx x'kien qed jagħmel allura għalfejn se joħduh il-qorti?" "Min jaf x'inhuma jgħidu fuqna l-ġirien." "X'se ngħidilhom lil sħabi tal-iskola? Dawn se jaħsbu li missieri hu xi raġel qattiel. Ma jafux kemm kien iħobbna?" Darba minnhom, wieħed mill-ulied f'nofs ta' lejl, mar qajjem lill-qraba li kienu qed jieħdu ħsiebhom f'dak iż-żmien daqstant diffiċli u staqsiehom "Jimporta tweġbuni din il-mistoqisja u għiduli l-verità. Il-familja tagħna, il-familja "Spiteri" spiċċat? Daqshekk? Xi darba se nerġgħu nkunu flimkien bħala familja kif konna qabel? U jekk iva x'*chances* hemm li aħna jew il-mamà nkunu f'xi periklu? U meta nikber jien hemm *chance* li wkoll nispiċċa biex nimrad bħal papà?"

Dawn huma mistoqsijiet diffiċli. Li m'hemmx tweġiba faċli għalihom. Mistoqsijiet li jtaqqlu u jkissru l-kbar. Aħseb u ara lit-tfal żgħar.

Ir-riċerka turi li l-konsegwenzi fuq tfal li jkollhom ommhom ma tiflaħx huma ħafna aktar gravi u dan għaliex l-omm tiflaħ u ma tiflaħx, ħafna drabi hija mistennija li tieħu ħsieb uliedha hija stess.

Jiġri li f'dawn iċ-ċirkostanzi, speċjalment fejn ma jkunx hemm is-sapport meħtieġ, it-tfal jintelqu għal riħhom u jispiċċaw traskurati.

Hawnhekk ippermettuli naqsam magħkom kwotazzjoni ta' Madre Teresa li naħseb hi relevanti ħafna f'dan il-kuntest "*We think that poverty is only being hungry, naked and homeless. The poverty of being unwanted, unloved and uncared for is the greatest poverty.*"

Immaġinaw biss meta dawn **l-*unwanted,* l-*unloved* u l-*uncared for*** ikunu tfal żgħar li jispiċċaw f'din is-sitwazzjoni għax l-omm tkun għaddeja minn problemi ta' saħħa mentali. Immaġinaw xi trawma.

Hemm tfal imbagħad li jispiċċaw jieħdu ħsieb huma stess lill-ġenituri tagħhom. Tfal żgħar li għandhom bżonn min jieħu ħsiebhom u f'daqqa waħda taqa' fuqhom responsabbiltà li hi akbar minnhom - dik li jieħdu ħsieb il-ġenituri tagħhom. Tfal oħrajn, sfortunatament jistgħu quddiem din ir-responsabbiltà jirribellaw u jitgerfxu.

Minn riċerka lokali li saret minn Abela, Farrugia u Vella 2006 fi ħdan Il-Kummissjoni Nazzjonali Familja, instab li tfal Maltin li kellhom xi ħadd mill-ġenituri tagħhom marid mentalment urew numru ta' sintomi:

- 48.4% (kważi nofshom) kellhom problema ta' mġieba
- 37% kellhom nuqqas ta' aptit
- 23% ma kinux jorqdu sew
- filwaqt li 20% ma kinux joqgħodu attenti l-iskola



Xi ħaġa oħra li laqtitni kienet li 31% ta' dawn it-tfal kienu jistħu li kellhom ġenitur marid mentalment. Minkejja dan kollu, irriżulta li 82% ta' dawn it tfal **ma kienu qed jirċievu** ebda tip ta' sapport.

Ippermettuli nerġa' mmur pass lura - 31% ta' dawn it-tfal kienu jistħu li kellhom ġenitur bi problemi ta' saħħa mentali. Jekk dawn it-tfal jistħu, hija s-soċjetà tagħna li ġġielhom jistħu. Minħabba l-istigma li sfortunatmanet għadha tgeżwer il-mard mentali. Irrid nirrikonoxxi li sar ħafna u qed isir ħafna biex niġġieldu din l-istigma. Progress għamilna.

Imma fadlilna. Sfortunatament nies li għaddew minn problemi ta' saħħa mentali għadhom isibuha diffiċli biex isibu impjieg. Anki l-lingwaġġ li nużaw bejnietna bħala Maltin hu prova ta' din l-istigma.

*"Dak m'aħniex. Dak qed jitlef. Dak miġnun. Dak għal hemm fuq tajjeb."* U kliem ieħor simili li għadu magħġun fil-mod kif nitkellmu.

Sadanittant hija ħasra li sfortunatament l-istejjer ta' suċċess li jsiru kuljum fil-psikjatrija jiġu injorati. Imma mbagħad xi storja negattiva marbuta mal-mard mentali tiġi minfuħa u dramatizzata.

Hawnhekk irrid nirrikonoxxi li qed ikun hemm aktar koperazzjoni mal-media u mal-ġurnalisti. Nawgura li nkomplu mixjin f'din id-direzzjoni. Għax kull settur tas-soċjetà tagħna jeħtieġ li jkun infurmat u sensittiv fil-konfront ta' persuni bi problemi ta' saħħa mentali – aħna l-professjonisti, aħna l-politiċi, il-forzi tal-ordni, il-membri tal-kleru, il-ġurnalisti u tant oħrajn. Naf li dan qed isir u nawgura li jkompli.

Intant irrid nagħmilha ċara, mhux it-tfal kollha li jsibu ruħhom f'din is-sitwazzjoni jispiċċaw ħażin. Jeżistu familji li huma resilient, li quddiem dan l-inkwiet isibu mod kif jegħlbu d-diffikultajiet li jkollhom quddiemhom.

Dan jitlob sforz kbir min-naħa tal-ġenitur li jkun in charge kif ukoll ċertu kapaċità li jibni network ta' sapport kemm għalih jew għaliha, kif ukoll għal uliedu.

Bħala Segretarju Parlamentari għas-Saħħa Mentali, inħoss li xogħlna huwa li nsaħħu kemm nifilħu dawn ir-riżorsi li jgħinu lill-familja tegħleb d-diffikultajiet li tkun qed tiffaċċja.

Il-*caregiver* għandu bżonn ta' għajnuna professjonali daqskemm għandu bżonn il-pazjent. Fil-fatt ir-riċerka tat-2006 tippreżentalna ċertu fatti li juru li għandna bżonn niffukaw ħafna iktar fuq il-qagħda tal-*caregiver*. Dan għaliex 42% ta' dawn il-*caregivers* qalu li kienu qed iħossuhom *depressed* quddiem is-sitwazzjoni fi ħdan il-familja tagħhom filwaqt li 30% ma kinux qed jorqdu sew bil-lejl. Jekk is-sapport li ħadu l-*caregivers* ma kienx biżżejjed, is-sapport li ħadu t-tfal fil-fatt kien ferm anqas. Dan għaliex minn dan l-istess studju joħroġ ċar li l-*caregivers* ħadu aktar sapport mill-professjonisti meta komparat mas-sapport li ħadu t-tfal.

Ċertament l-għajnuna li għandha tingħata trid tkun indirizzata lejn il-familja kollha mhux l-inqas lejn it-tfal. Il-familja hija importanti u għandha rwol kruċjali biex tagħti sapport lill-membru marid. Imma rridu nżommu quddiem għajnejna li l-familja ma tistax tagħti biss, imma trid tieħu wkoll u jrid ikollha s-sapport meħtieġ. It-team ta' professjonisti jrid ikun team multidixxiplinarju li jaħdem mal-familja kollha u mhux mal-pazjent biss.

Dawn il-familji għandhom bżonn mhux biss għajnuna terapewtika u sapport, imma bżonn ukoll ta' għajnuna prattika. Ħafna drabi l-caregiver ikollu joħroġ għall-ġurnata tax-xogħol barra mid-dar. U allura Day Centres għall-persuni bi problemi ta' saħħa mentali jservu biex il-pazjent ikollu fejn imur matul il-ġurnata biex ma jibqax waħdu. Hawnhekk irrid ngħid li s-servizz li qed nagħtu fil-komunità minn Ħal Qormi u minn Bormla għall-persuni bi problemi ta' saħħa mentali jinkludi wkoll sapport lill-familja. Dan is-servizz issa se jiġi estiż għal-lokalitajiet oħrajn. Diġà beda l-proċess biex jiġu impjegati aktar staff u professjonisti. Minn hawn u ftit ieħor dan is-servizz se jibda jingħata wkoll mill-Fgura.

Bħalissa għandna żewġ Day Centres għall-persuni bi problemi ta' saħħa mentali, wieħed Ħal Qormi u ieħor f'Bormla. Minn hawn u ftit ieħor se nifthu żewġ Day Centres oħra, wieħed fiż-Żejtun u ieħor Raħal Ġdid.

Anki l-Mental Health Act li bħalissa tinsab fl-Uffiċċju tal-Avukat tar-Repubblika u li nittama li tkun diskussa fil-Parlament matul din is-sena, taħseb ukoll f'aktar drittijiet kemm għall-pazjent kif ukoll għall-familja tiegħu, fosthom għat-tfal. Tipprovdi wkoll għas-sapport ħolistiku għall-familja kollha. Qed ngħid dan għax vera fadlilna triq twila x'interrqu. Imma qed jittieħdu u qed naħdmu wkoll fuq numru ta' inizjattivi. Irrid nirrikonoxxi wkoll b'sodisfazzjon li hawn ċertu qawmien u kuxjenza favur dan il-mard. Nemmen sinċerament li mixjin fid-direzzjoni t-tajba.

Is-sapport li nistgħu noffru lil dawn il-familji m'huwiex biss att ta' solidarjetà ma' nies li qed jiffaċċjaw ħafna tbatija, imma jservi wkoll bħala azzjoni preventiva u jilqa' għal problemi aktar serji 'l quddiem. Għalhekk inħossni verament sodisfatt illi qed niftaħ din il-konferenza llum. Napprezza ħafna jekk ġentilment tibgħatuli l-konklużjonijiet tagħkom wara din il-konferenza.

**KONKLUŻJONI**

Lil kull wieħed u waħda minnkom, f'isem it-tfal li qed ibatu fis-skiet ngħidilkom Grazzi. Grazzi mill-qalb. Jien għandi min jiġi minni bi problema ta' saħħa mentali. U jekk hawn xi ħadd f'din il-kamra li m'għandu l-ħadd fil-familja tiegħu jew forsi minn fost sħabu li jbati minn problemi ta' saħħa mentali nitolbu biss japprezza li hu l-eċċezzjoni u mhux ir-regola.

L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa qed tbassar li sa għoxrin sena oħra l-problema ta'saħħa mentali se tkun l-aktar kundizzjoni komuni wara l-mard vaskulari. Qiegħed hawn illum niftaħ din il-konferenza mhux sempliċiment bi dmir li jġib miegħu l-uffiċċju politiku li nokkupa. Iżda aktar minn hekk bi dmir personali bħala missier. Għax għada jew pitgħada nista' nkun jien li ngħaddi minn problemi ta' saħħa mentali. Nista' nkun jien li jkolli bżonn nidħol il-Mount Carmel għall-kura. U f'dak il-każ nixtieq ferm li din is-soċjetà minflok tiġġudika lill-uliedi, tieqaf magħhom, tieħu ħsiebhom u tissapportjahom.

Grazzi ħafna.

